MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 239/2005

**Avviz numru 239/05DM**

**Carmelo Galea (ID 658962 M)**

**Vs**

**Nicholas Balzan**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn, mitejn, u hamsin lira Maltija (Lm2,250) rappresentanti l-import ta’ ‘cheque’ (kopja tieghu annessa ma’ l-Avviz u mmarkata bhala ‘Dok A’) liema ‘cheque’ meta gie pprezentat sabiex jissarraf mill-attur baqa’ ma giex imsarraf minhabba li gie ‘referred to drawer’.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni;

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll id-dokumenti esebiti, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda ghalhekk tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' elfejn, mitejn u hamsin lira Maltin (Lm2,250) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet b'effett mis-26 ta' April, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------